

Ħarsa ġenerali lejn il-Ġurisprudenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew

Sottotitolu

Data: 15.03.2021

URL: <https://www.eurojust.europa.eu/case-law-court-justice-european-union-european-arrest-warrant-march2021>

Sommarju eżekuttiv

Dan id-dokument jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (Deċiżjoni Qafas dwar l-MAE).

L-edizzjoni tal-2021 tal-ħarsa ġenerali tal-Eurojust lejn il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) hija aġġornata sal-15 ta' Marzu 2020. Meta mqabbla mal-edizzjoni preċedenti (tal-2020), din fiha 9 sentenzi addizzjonali, li b'kollox jammontaw għal 55 sentenza għall-perjodu 2007-2021. L-aġġornament ta' dan id-dokument li jmiss se jiġi ppubblikat xorta fl-2021 jew fl-2022 skont in-numru ta' sentenzi li ġejjin.

Il-ħarsa ġenerali tal-ġurisprudenza fiha sommarji tas-sentenzi tal-QĠUE kkategorizzati skont sett ta' kliem ewlieni importanti li jirriflettu ħafna l-istruttura tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE. Fil-bidu tad-dokument hemm provdut ukoll tabella ta' kliem ewlieni u lista kronoloġika tas-sentenzi.

Il-ħarsa ġenerali tkopri s-suġġetti ewlenin li ġejjin. Żviluppi reċenti mill-aħħar aġġornament jissemew għal kull suġġett.

- **Validità tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.** Fl-2021, il-QĠUE kkonfermat il-validità tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE filwaqt li ċaħdet l-isfidi abbażi tar-raġunijiet tad-drittijiet fundamentali (Kawża C-649/19, *Spetsjalizirana prokuratura (Déclaration des droits)*).
- **Ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari minn awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat.** Fl-2021, il-QĠUE aċċettat li l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tista' titlob deċiżjoni preliminari fejn il-MAE ikun diġà ġie annullat, bl-għan li jiġi adottat MAE ġdid (*Spetsjalizirana prokuratura (Déclaration des droits)*).
- **Il-kontenut u l-validità tal-MAE.** Fl-2020, il-QĠUE estendiet ukoll il-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett tal-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(1) DQ dwar il-MAE għall-kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi' fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 6(2), 27(3)(g) u 27(4) DQ dwar il-MAE (*Openbaar Ministerie (Faux en écritures)*). Il-QĠUE ddeċidiet ukoll li nuqqasijiet sistemiċi u ġeneralizzati li jaffettwaw l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat mhumiex suffiċjenti, waħedhom, biex jiġi konkluż li l-qradi kollha tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat jonqsu milli jaqgħu fil-kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat' (*Openbaar Ministerie (Indépendance de l'autorité judiciaire d'émission)*). Fl-2021, il-QĠUE kompliet tiċċara t-tifsira tal-kunċett ta' 'mandat ta' arrest nazzjonali jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja fis-seħħ li jkollha l-istess effett (MM). Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva b'rabta mal-MAE għal finijiet ta' prosekuzzjoni, il-QĠUE ddeċidiet li huma jippresupponu li jew il-MAE inkella l-mandat ta' arrest nazzjonali li hu bbażat

fuqu hu soġġett għal rieżami ġudizzjarju minn qorti fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat qabel iċ-
ċediment tal-persuna rikjesta (PI).

- **Obbligu li jiġi eżegwit MAE.**
- **Kamp ta' Applikazzjoni tal-MAE.**
- **Skrutinju tad-drittijiet tal-bniedem.** Fl-2020, il-QĠUE kompliet tiċċara l-valutazzjoni f'żewġ stadji b'rabta mad-dritt fundamentali għal tribunal indipendenti. Il-QĠUE fakkret ukoll li l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jikkonċernaw indipendenza ġudizzjarja fi Stat Membru li joħroġ il-mandat minnu nnifsu ma jiġġustifikax l-awtorità ġudizzjarja li ttrifjuta li teżegwixxi kwalunkwe MAE maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' dak l-Istat Membru (*Openbaar Ministerie (Indépendance de l'autorité judiciaire d'émission)*).